**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Marzu 2014 – Frucona Košice vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-11/07 RENV)** ([1])

***("Għajnuna mill-Istat — Alkoħol u spirti — Annullament ta' debitu fiskali fil-kuntest ta' proċedura kollettiva ta' insolvenza — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li tordna l-irkupru tagħha — Tmiem tal-interess ġuridiku — Deċiżjoni li tħassar u tissostitwixxi d-deċiżjoni kkontestata — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2014/C 159/32)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Frucona Košice a.s. (Košice, is-Slovakkja) (rappreżentanti: K. Lasok, QC, J. Holmes, B. Hartnett, barristers, u O. Geiss, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Armati u K. Walkerová, aġenti)

*Parti intervenjenti in sostenn tal-parti konvenuta:* St. Nicolaus – trade a.s. (Bratislava, is-Slovakkja) (rappreżentanti N. Smaho, avukat)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/254/KE, tas-7 ta' Ġunju 2006, dwar l-għajnuna mill-Istat C 25/05 (ex NN 21/05), mogħtija mir-Repubblika Slovakka lil Frucona Košice a.s. (ĠU 2007, L 112, p. 14).

**Dispożittiv**

1) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*

2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha, kif ukoll għal dawk ta' Frucona Košice a.s.*

3) *St. Nicolaus – trade a.s. għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

([1]) ĠU C 56, 10.03.2007.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Marzu 2014 – Ecologistas en Acción vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-603/11)** ([1])

***("Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti dwar it-twettiq ta' proġett industrijali f'żona protetta skont id-Direttiva 92/43/KEE — Dokumenti li joriġinaw minn Stat Membru — Oppożizzjoni mmanifestata mill-Istat Membru — Rifjut ta' aċċess — Eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tal-għanijiet tal-attivitajiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' verifika — Eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji — Informazzjoni dwar l-ambjent — Regolament (KE) Nru 1367/2006 — Rikors manifestament infondat fid-dritt")***

(2014/C 159/33)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ecologistas en Acción-CODA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: J. Doreste Hernández, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Costa de Oliveira u I. Martínez del Peral, aġenti)

*Parti intervenjenti in sostenn tal-konvenuta:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: inizjalment S. Centeno Huerta, sussegwentement M. J. García-Valdecasas Dorrego, abogados del Estado)